LEĦEN
IS-SANTWARJU
TA' ĦAŻ-ŻABBAR

FRAR 2023 – Ħarġa Nru: 207



*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

# MA NĦARSUX MIL-LENTI TAGĦNA BISS …

Aħna, li ngħixu fil-pajjiżi tal-punent, il-ħin kollu nħabblu rasna kif se ngħollu u ntejbu l-livell ta' għixien tagħna… u nagħmlu sew! Aħna u naghmlu hekk, jista' jkun li qed nidħlu f'ċirku vizzjuż, b'tant ħsibijiet fuq moħħna li ma jħalliniex ingawdu l-ħajja tagħna fis-sbuħija tagħha.

Naħseb ilkoll nammettu li ftit li xejn qed jibqalna ħin liberu għall-mistrieħ u l-passatempi tagħna. Qed nidħlu f'ċerta rutina li qed tirrendina aktar "robots" milli bnedmin. Il-ħajja tagħna saret ġirja mal-ħin. Dan qed iwassal biex il-koppji ftit li xejn jibqalhom ħin għad-djalogu sinċier bejniethom jew biex jakkumpanjaw lil uliedhom fl-iżvilupp tagħhom.

**Hemm x'innaqqsu?**

Illum ma jeżistix "pattern" wieħed ta' kif jgħixu l-familji tagħna. Kull familja trid tiddeċiedi hi x'tista' tnaqqas, biex il-membri jsibu aktar ħin



flimkien biex jiddjalogaw, jieklu, u joħorġu flimkien. Ħadd ma jista' jfasslilha l-ħin u l-pjanijiet tagħha! Kull familja trid tistudja l-qagħda tagħha u tara x'l-aħjar tagħmel.

Tajjeb li fil-ġirja tagħna biex intejbu l-livell ta' għixien, niftakru li hawn miljuni fid-dinja li m'għandhomx din l-opprotunità. Lanqas biss għandhom dak li hu bażiku għalihom. Qed jgħixu f'tensjoni kontinwa biex ikampaw fl-għixien tagħhom.

**F'sitwazzjoniet imwegħra**

Iż-żjara appostolika li għadu kif għamel Papa Franġisku fil-pajjiżi Afrikani tal-Congo u s-Sudan, urewna pajjiżi mifnija mill-gwerra, mill-faqar u mis-serq tar-riżorsi naturali. Pajjiżi li għandhom il-ġid iżda li għal diversi raġunijiet egoistiċi, baqgħu ma żviluppawx. Dan iwassal biex miljuni qed jgħixu fil-faqar u l-biżgħa kontinwi.

Tajjeb ngħidu wkoll li l-Congo hu wieħed mill-aktar pajjiżi Afrikani li fih Kattoliċi. Minn 95 miljun ruħ, nofshom huma Kattoliċi. Il-Knisja tagħna qed tiffjorixxi sew f'dawn il-pajjiżi għax qed tkun ta' għajnuna kemm materjali kif ukoll spiritwali għalihom.

Tajjeb li meta aħna nħabirku biex inkunu aħjar, niftakru f'tant nies li għaddejjin minn tbatija kbira kemm fiżika kif ukoll morali. Meta l-Papa jżur dawn il-pajjiżi fil-periferija tal-Knisja u tad-dinja, ikun qed iqiegħed idejh fuq il-feriti ta' tant nies mifnija u minsija.

**Nilbsu l-mentalità komunitarja**

Ejjew, aħna wkoll bħall-Papa, ninteressaw ruħna f'min iħossu waħdu, imġarrab u fit-trufijiet tas-soċjetà. Ninżgħu kemm jista' jkun mill-mentalità tal-individwaliżmu u nagħtu parti mill-ħin tagħna lill-komunità li qed ngħixu fiha. Meta nagħmlu hekk, inkunu minghajr ma nafu qed nimmaturaw u nidraw ma nkabbrux il-problemi tagħna. Dan iwassalna biex nitgħallmu niffaċċjawhom u nibdluhom f'opportunitajiet.

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR ... FRAR 2023

**Erbgħa 1:** *Jum Ħaż-Żabbar.* Fis-6.00pm quddiesa ta' radd-il ħajr fil-preżenza tas-Sindku u l-Kunsill Lokali. Fis-7.00pm **Kunċert** tal-okkażjoni mill-kor parrokkjali Notre Dame akkumpanjat mill-orkestra. Il-Kor qed jiċċelebra għeluq l-40 sena mit-twaqqif tiegħu.

**Ħamis 2:** **Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju – il-Kandlora.** Fis-6.00pm tberik tax-xemgħa, purċissjoni mal-knisja u Konċelebrazzjoni. Jieħdu sehem ir-Reliġjużi Nisa tal-parroċċa billi niċċelebraw ukoll *Jum il-Ħajja Konsagrata.*

**Ġimgħa 3:** *L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.* Wara l-quddiesa tas-6.00pm, ħin ta' adorazzjoni u barka Sagramentali.

**Sibt 4:** Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet

**Ħadd 5:** **Il-Ħames Ħadd tas-sena Liturġika**

**Tnejn 6:** San Pawl Miki u sħabu martri tal-Ġappun – Tifkira O

**Ħamis 9:** Santa Skolastika, verġni – Tifkira O

**Ġimgħa 10:** **Solennità tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl**. Imħeġġin inqaddsu dan il-jum bis-smiegħ tal-quddies li jkun bħal nhar ta' Ħadd.

**Sibt 11:** Il-Verġni Mqaddsa Marija ta' Lourdes – Tifkira. Billi jaħbat ukoll *Jum il-Morda*, il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, se jġibu xi morda għall-quddiesa tal-5.00pm fis-santwarju

**Ħadd 12:** **Is-Sitt Ħadd tas-Sena Liturġika**

**Tlieta 14:** San Ċirillu, raħeb u San Metodju, isqof, Patruni tal-Ewropa – Festa

**Ħadd 19:** **Is-Seba' Ħadd tas-Sena Liturġika**

**Erbgħa 22:** **L-Erbgħa tar-Rmied u bidu tar-Randan Imqaddes.** Jum ta' sawm u astinenza. Fis-6.00pm purċissjoni sal-kappella tal-Lunzjata minn fejn jibda pellegrinaġġ bil-Kurċifiss sas-santwarju. Fis-6.30pm Konċelebrazzjoni bit-tqegħid tal-irmied.

**Ħadd 26:** **L-Ewwel Ħadd tar-Randan u Ħadd in-Nies**. Fl-4.15pm pellegrinaġġ bil-vara tal-Madonna tal-Grazzja immexxi mill-Aċisqof. Fil-5.30pm Konċelebrazzjoni bis-sehem tal-Kor Notre Dame.

**Tnejn 27:** Fid-9.00am l-ewwel kors ta' *Eżerċizzi għal Kulħadd* fis-santwarju minn Fr. David Borg.

### L-INTENZJONI TAL-PAPA GĦAL FRAR

**Il-parroċċi tagħna**

Nitolbu biex il-parroċċi tagħna jqegħdu l-komunjoni fiċ-ċentru tal-ħidma tagħhom. B'dan il-mod huma jsiru komunitajiet ta' fidi u fraternità billi jilqgħu lil dawk l-aktar fil-ħtieġa.



### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

***Jannar 2023:***

Pierre Fenech (61), Salvina Axiak (85), Joseph Farrugia (63), Carmel Farrugia (69), Samwel Tagliaferro (98), Paul Mifsud (71), Lawrence Farrugia (78), Carmel Baldacchino (58), Giovanna Dingli (86), Giovanni Degabriele (89), Paul Spiteri (91), Carmen Mizzi (90), Rita Lia (88), Marianne Rizzo (78).

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*